

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte dei Conti – Sezione Giurisdizionale per la Regione Puglia (l-Italja) fil-21 ta' Mejju 2014 – Vittoria De Bellis et vs Istituto Nazionale di Previdenza dei Dipendenti dell'Amministrazione Pubblica (INPDAP)

(Kawża C-246/14)

(2014/C 421/25)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte dei Conti – Sezione Giurisdizionale Per la Regione Puglia (l-Italja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vittoria De Bellis, Diana Perrone, Cesaria Antonia Villani

Konvenut: Istituto Nazionale di Previdenza dei Dipendenti dell'Amministrazione Pubblica (INPDAP).

Permezz ta' digriet tal-15 ta' Ottubru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Awla) ddikjarat li manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħiġi risposta għad-domandi preliminari li sarulha.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Rüsselsheim (il-Ġermanja) fit-8 ta' Awwissu 2014 – Dorothea Eckert u Karl-Heinz Dallner vs Condor Flugdienst GmbH

(Kawża C-380/14)

(2014/C 421/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Rüsselsheim

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Dorothea Eckert, Karl-Heinz Dallner

Konvenuta: Condor Flugdienst GmbH

Il-kawża ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Settembru 2014.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal du travail de Bruxelles (il-Belġju) fit-28 ta' Awwissu 2014 – Aliny Wojciechowski vs Office national des pensions (ONP)

(Kawża C-408/14)

(2014/C 421/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal du travail de Bruxelles

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Aliny Wojciechowski

Konvenut: Office national des pensions (ONP)

Domandi preliminari

Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali kif ukoll, minn naħa, l-Artikolu 4(3) TUE u, min-naħħa l-oħra, l-Artikolu 34(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jipprekludu li Stat Membru jnaqqas, jew anki jirrifjuta, pensjoni tal-irtirar dovuta lil ħaddiem impiegat bis-saħħa tas-snин ta' servizz iwettqa skont il-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru, meta t-total tas-snin tal-karriera li matulhom ħadem f'dan l-Istat Membru u fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej jeċċedi t-tul massimu ta' karriera ta' 45 sena msemmi fl-Artikolu 10a tad-Digriet Irjali Nru 50 tal-24 ta' Ottubru 1967 dwar il-pensjoni tal-irtirar u tas-superstiti ta' ħaddiema impiegati?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia nº 2 de Santander
(Spanja) fl-10 ta' Settembru 2014 – Banco Primus S.A. vs Jesús Gutiérrez García**

(Kawża C-421/14)

(2014/C 421/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de Primera Instancia nº 2 de Santander

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Banco Primus S.A.

Konvenut: Jesús Gutiérrez García

Domandi preliminariL-ewwel domanda

- 1) Id-Dispożizzjonijiet Tranžistorja 4 tal-Liġi Nru 1/2013 għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tistax tostakola l-protezzjoni tal-konsumatur?
- 2) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli ingūsti f'kuntratti mal-konsumatur (¹), b'mod partikolari l-Artikoli 6(1) u 7(1) tagħha, li għandhom l-għan li jipproteġu lill-konsumaturi inkonformità mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettivitā, tippermetti lill-konsumatur jinvoka l-preżenza ta' klawżoli ingūsti wara t-terminu previst mid-dritt nazzjonali għal dan il-għan, b'tali mod li l-qorti nazzjonali hija obbligata teżaminahom?
- 3) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli ingūsti f'kuntratti mal-konsumatur, b'mod partikolari l-Artikoli 6(1) u 7(1) tagħha, li għandhom l-għan li jipproteġu lill-konsumaturi inkonformità mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettivitā, tobbliga lill-qorti nazzjonali sabiex teżamina ex officio jekk klawżola kuntrattwali hijiex ingūsta jew le u sabiex tislet, mill-konstatazzjonijiet tagħha, il-konseguenzi meħtieġa, u dan anki meta preċedentement tkun iddeċidiet b'mod kuntrarju jew tkun ċaħdet tali evalwazzjoni permezz ta' deċiżjoni definitiva meħuda inkonformità mad-dispożizzjonijiet tad-dritt proċedurali nazzjonali?

It-tieni domanda

- 4) Skont liema kriterji r-relażjoni bejn il-kwalită u l-prezz tista' tinfluwenza l-istħarriġ tan-natura inġusta ta' kundizzjonijiet aċċessorji tal-kuntratt? Meta jitwettaq dan l-istħarriġ indirett, għandhom jittieħdu inkunisiderazzjoni l-limiti legali fir-riġward tal-prezz imposti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali? Jista' jkun il-każ li klawżola kuntrattwali li tkun valida b'mod astratt ma tibqax valida minħabba li tistipula prezz kunsiderevolment ogħla minn dak tas-suq?